**Qorti tal-Appell Kriminali**

**GĦAWDEX**

**Onor. Imħallef Dr. Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can), Ph.D.**

**Appell Nru: 11 / 2023 / 1**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Paul Farrugia**

**Illum 25 ta' Jannar 2024**

**Il-Qorti;**

Rat li l-appellant **Paul Farrugia,** iben George Dolindo & Eucharista nee' Vella, imwieled f'Malta nhar it-13 ta' April 1976 u residenti fi Block D, Flat 3, Triq Manwel Magro, Żebbuġ, Għawdex, detentur tal-karta tal-identità numru 010476G gie mressaq il-Qorti u akkużat talli nhar it-02 ta' Awwissu 2022, għall-ħabta ta' 08:30hrs, fi Triq Borg Għarib, Għajnsielem:

1. Kellu fil-pussess tiegħu jew taħt il-kontroll tiegħu jew ġarr xi arma tan-nar, jew munizzjon elenkati fl-iskeda 2 mingħajr ma kellu liċenzja taħt dan l-Att;

2. Kellu fil-pussess tiegħu jew taħt il-kontroll tiegħu jew ġarr xi arma tan-nar, jew munizzjon mingħajr li din l-arma tan-nar ma kienet approvata mill-Kummissarju tal-Pulizija;

Il-Qorti giet ġentilment mitluba illi barra li tagħti piena taħt it-termini tal-artikolu 51(9) kapitlu 480 tal-Liġijiet ta' Malta tordna l-konfiska tal-*corpus delicti* u tordna s-sospensjoni ta' kull liċenzja jew permess maħruġa taħt l-att dwar l-armi ai termini tal-kapitolu 480 tal-liġijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar l-1 ta' Ġunju, 2023, fejn il-Qorti stante li l-Prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova l-akkużi sal-grad rikjest mil-liġi, illiberat lill-akkużat minn kull imputazzjoni u piena.

Rat ir-rikors tal-Appell tal-Avukat Generali preżentat fir-registru ta din l-Onorabbli Qorti nhar il-21 ta' Ġunju 2023 u dan ghaliex l-istess Avukat Generali hass ruhu aggravat minn din l-istess sentenza.

Illi l-aggravju tal-esponent huwa ċar u manifest u dan kif ser jiġi spjegat kif ġej:

Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti f'dan il-każ irriteniet illi minħabba li "[*Target Shooter B licence*] tkopri l-perjodu tal-akkuża u b'hekk, peress li l-akkużat kellu liċenzja għal tali arma, din l-ewwel akkuża ma ġietx provata";

Illi skont l-**artikolu 28 tal-Kap 480** tal-Liġijiet ta' Malta:

> *"Liċenzja li tkun tawtorizza lid-detentur tagħha li jżomm arma regolari f'xi fond **għandha wkoll tispeċifika d-deskrizzjoni ta'dik l-arma regolari** jew munizzjon li dwarhom tkun inħarġet il-liċenzja, inklużi b'mod partikolari n-numru ta' serje u l-pjanċa tal-manifattur tal-arma tan-nar jew arma oħra li dwarha tkun inħarġet il-liċenzja";*

Illi mill-affidavit ta' **PC763 Joseph Magri** (fol 12 et seq) irriżulta li l-liċenzja *de quo* ma speċifikatx d-deskrizzjoni tal-arma regolari in kwistjoni, u għalhekk l-appellat kien fil-pussess ta' din l-arma mingħajr ma kienet approvata mill-Kummissarju tal-Pulizija, u konsegwentement mingħajr liċenzja;

**Bla dubju, l-iskop ta' din il-Liġi huwa sabiex il-Kummissarju tal-Pulizija jżomm kont tal-armi li jkunu fil-pussess ta' kull detentur ta' liċenzja maħruġa taħt il-Kap 480 u sabiex jiżgura t-traċċabilita' tagħhom.**

Għaldaqstant l-Avukat Generali talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tħassar u tirrevoka is-sentenza fejn illiberat lill-appellata mill-imputazzjonijiet dedotti kontrih, u minflok tgħaddi biex issib ħtija u tinfliġġi piena skont il-ligi.

Semgħet is-sottomissjonijiet orali magħmula mill-partijiet fis-seduta tas-6 ta' Diċembru 2023.

Rat li din il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

Rat id-dokumenti ppreżentati.

Eżaminat il-provi prodotti fil-proċess.

**Ikkunsidrat:**

Minn ezami tal-atti jirrizulta li nhar it-tnejn (2) ta' Awwissu tas-sena 2022, għall-ħabta tat-8.30hrs, ġewwa Triq Borg Għarib, Għajnsielem, Għawdex, waqt *road check* mizmum mill-Pulizija Esekuttiva u membri ta' Transport Malta, ġie mwaqqaf l-appellat Paul Farrugia u fil-vettura tiegħu instabet *airgun* ta' għamla Diana bin-numru ta' reġistrazzjoni 00995535;

Illi mill-affidavit ta' PC763 Joseph Magrin (fol 12) irriżulta li għalkemm l-appellat għandu Liċenza B ta' Sparatur fuq *Targets*, din l-arma ma kinitx irreġistrata mal-Kummissarju tal-Pulizija kif tirrikjedi l-istess liċenzja;

Rat l-affidavit maghmul minn **PS 428 Carmelo Debattista** esebit fl-atti nhar l-1 ta' Gunju 2023 mmarkat bhala Dok CD u minn ezami ta' l-istess jirrizulta li nhar it-2 ta' Awwissu 2022 ghall-habta tat-8.30hrs gewwa Triq Borg Gharib Ghajnsielem waqt li kienet qed issir road check mill-pulizija u membri ta Transport Malta gie mwaqqaf l-appellant Paul Farrugia u fil-vettura tieghu instabet Airgun tal-ghamla Diana bin-numru ta' registrazzjoi 0995535 liema arma mhux registrata u anqas licenzjata. L-istess arma giet konfiskata u nharget ricevuta. Rat l-okkorenza redatta mill-istess xhud PS 428 liema okkorrenza tinsab annessa mal-affidavit tieghu.

Ix-xhud xehed ukoll viva voce nhar l-1 ta Gunju 2023 quddiem l-istess appellant u esebixxa l-arma Airgun tat-tip Daiana seriel number 00995535. Din giet elevata minghand l-appellant waqt li kien imwaqqaf f'roadblock filghodu ma' Transport Malta u membri ohra. Huwa gharaf lill-appellant bhala l-istess persuna li gie mwaqqaf fir-roadblock. Huwa pprezenta ukoll kopja tal-ircevuta li inghatat lil Paul Farrugia.

In kontro ezami jghid li kien qed jassisti lil Transport Malta u kien hemm membru tat Transport Malta u attiralu l-attenzjoni li l-appellant kellu arma bejn is-seat. L-appellant gie mwaqqaf minn membru tat-Transport Malta u mhux minnu. Jghid pero' li huwa kien vicin tieghu fl-akkwati. Mistoqsi jekk kienx qed jghamel spezzjoni ohra meta l-appellant gie imwaqqaf jghid li jista' jkun pero' jiftakar li kien baghatu l-ghassa u l-ircevuta harigha is-surgent 'l iehor PS 698 Sharun Tabone. Jaf li dak il-hin staqsih jekk ghandux licenzja ghall-fniek biex igorr l-arma u qallu li ma kellux u qallu wkoll li licenzja taghha ma kellux. Jikkonferma li ken ta caution lill-appellant qabel ma tkellem mieghu. Jghid li qabel ma hareg ic-charges kien iccekja mas-sistema taghhom tal-NPS biex jara x'armi kellu registrati. Jghid li vera kellu licenzja ta' Airgun fuq ismu. Jikkonferma li huwa xehed a bazi tad-dokument esebit u markat bhala Dok D. Fuq dan il-permess hemm imnizzel li l-appellant kellu licenzja sabiex igorr arma tan-nar ghall-isparar fuq plattini u arma tal-arja minn u ghal ranges.

Jikkonferma li l-arma tal-arja li kellu fil-pusess tieghu ma kienitx registrata fuq ismu

Rat id-dokument markat bhala dok CD2 li hija l-ircevuta li giet moghtija lill-appellant wara li l-arma tieghu Daiana seriel number 00995535 giet elevata minn ghandu.

Rat l-affidavit rilaxxjat minn **PC 763 Joseph Magrin** esebit fl-atti u markat bhala Dok D. Dan stqarr li Paul Farrugia ghandu licenzja ghall-kacca tal-ghasafar minn fuq l-art u licenzja ghat-target B ghall-isparar fuq plattini u arma tal-arja min u ghar-range. Jghid ukoll li Paul Farrugia ghandu tlett armi registrati fuq ismu: dawn huma Air Pistol tal-ghamla Umarex bin-numru tas-serje H45118888, Shotgun tal-ghamla P Berretta bin-numru tas-serje AA 018752 u Shotgun tal-ghamla Luigi Franchi bin-numru tas-serje 073517. Kopja tar-rapport intier mahrug mill-Weapons Police System gie anness mal-affidavit ta' dan l-istess xhud.

Illi l-Avukat Generali fir-rikors tal-appell taghha tghid li skont l-artikolu 28 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta licenzja li tkun tawtorizza lid-detentur taghha li jzomm arma regolari f'xi font **ghandha ukoll tispecifika d-deskrizzjoni ta' dik l-arma regolari** [1] u minn ezami tal-licenzja esebita fl-atti u markata bhala Dok. D din id-deskrizzjoi ma tirrizultax.

Din il-Qorti ezamiant id-dokument D esebit fl-atti li huwa dokument ufficcjali mahrug mill-Kwartieri Generali tal-Pulizija f'isem l-appellant u fuqha hemm indikat li l-appellant ghandu licenzja sabiex igorr arma tan-nar ghall-kacca ta' ghasafar fuq l-art u Target Shooter B, ghall-garr ta' arma tan-nar ghall-isparar fuq plattini u arma tal-arja minn u ghall-range licenzjat. Fuq din il-licenzja fl-ahhar parti ta' dan id-dokument taht l-intetatura owned Firearms/Weapons hemm imnizzel tlett armi: wahda Air pistol tal-ghamla UMAREX, shotgun tal-ghamla P Beretta u shotgun iehor tal-ghamla Luigi Franchi. Ghalhekk minn ezami ta' dan id-dokument ma jirrizultax li l-appellant kellu l-licenzja li nstabet fil-pussess tieghu dakinhar tar-road block kien registrat. Huwa minnu li kellu licenzja biex igorr airgun pero' l-arma li kient registrata ghal dan il-ghan kienet Airpistol tal-ghamla UMAREX biss. Ghalhekk l-Avukat Generali kellu ragun jappella minn l-ewwel sentenza fir-rigward ta' din l-akkuza u konsegwentement din il-Qorti qed tirrevoka dik il-parti tal-ewwel sentenza fejn sabet lill-appellant mhux hati ta' din l-akkuza.

Dwar it-tieni akkuza u cioe' li huwa kellu fil-pusess tieghu jew taht il-kontroll tieghu jew garr xi arma tan-nar jew munizjoni minghajr li din l-arma tan-nar ma kienet

[1] Enfasi ta' din l-Onorabbli Qorti

approvata mill-Kummissarju tal-Pulizija minkejja li l-artikolu tal-ligi citat mill-prosekuzzjoni fil-komparixxi u cioe' dik ta' l-artikolu 5 (2) tal-Kapitolu 480 jitkellem fuq akkuza ohra u cioe' fuq importazzjoni jew esportazzjoni ta' armi tan-nar jew munizzjon li ma humiex l-akkuzi odjerni. Illi pero' l-prosekuzzjoni ma hix obbligata li tikteb l-artikoli tal-ligi dwar l-akkuzi li qed takkuza lill-individwu. Ghalhekk ir-reat in kwistjoni ma hix dik naxxenti mil-artikolu 5(2) tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta izda dik naxxenti mill-artikolu 5 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk l-istess akkuza moghtiha fl-ewwel akkuza. Il-Qorti ghalhekk tastjeni mili tiehu konjizzjoni tat-tieni akkuza statne li hija identika ghall-ewwel wahda pero' tiddikjara li qed issibu hati ta' din l-ewwel akkuza u wara li rat l-artikolu 51 (2) tal-Kap 480 tal-Ligiijiet ta' Malta, tiddikjara li qed issibu hati taghha

Fil-fehma tal-Qorti, il-prosekuzzjoni rnexxilha tipprova din l-ewwel akkuza u ghalhekk qed tilqa' l-appell tal-Avukat Generali billi tirrevoka is-sentenza appellata u tilqa' l-aggravju tal-Avuakt Generali u wara li rat l-artikoli 5 (1) u 51 (2) tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta qed tikkundnah ghall-piena karcerarja ta' tlett (3) xhur liema perjodu qed jigi sospiz ghall-perijodu ta' sena ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

In oltre tordna l-konfiska tal-arma esebita f'dawn il-proceduri stante li hija l-*corpus delicti* u tordna sospensjoni tal-licenzja sabiex igorr kwalunkwe arma tan-nar ghall-perijodu ta' sentejn millum.

**(ft) Consuelo Scerri Herrera**

**Imħallef**

Margaret De Battista

Assistent Registratur